# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru, 2018**

**Numru 16**

**Rikors numru: 1208/2007AE**

**Konkors tal-kredituri ta' Christopher Gauci**

**v.**

**X**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment wara talba li ressaq Christopher Gauci ghar-rikuza tal-Onor. Imhallef Tonio Mallia milli jkun membru tat-tribunal li jisma' u jiddeciedi fuq dan il-kaz. Din it-talba saret peress illi l-imsemmi Imhallef, allura sedenti il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, kien sab lil Christopher Gauci responsabbli ta' "wrongful trading" u "fraudulent trading" fiz-zmien meta kien direttur tal-kumpanija Price Club. Il-kawzi

kienu fl-ismijiet “Borg Cardona noe vs Zammit et vs Zammit et” (rikorsi 26/03 u 27/03) decizi fit-12 ta’ Ottubru 2007; iz-zewg sentenzi gew konfermati minn din il-Qorti fl-14 ta’ Mejju, 2010.

Din il-Qorti ma tarax li huwa lok li tigi acettata t-talba ghar-rikuza. Din il-kawza hija intiza ghal gradwazzjoni tal-kredituri ta’ Christopher Gauci fuq somma li tirraprezenta ir-rikavat ta’ bejgh ta’ fond f’tas-Sliema u ma ghandha x’taqsam xejn ma x’wassal biex dan Christopher Gauci jinzamm responsabbli ghad-djun tal-kumpanija Price Club. Il-kawzi decizi issa jikkostitwixxu stat ta’ fatt, konfermat minn din il-Qorti, u ma hemm xejn f’dawk is-sentenzi li jincidi fuq il-meritu ta’ din il-kawza.

Jista’ jkun li ssir referenza ghal xi atti jew ghad-decide ta’ dawk iz-zewg sentenzi, pero` dan, jekk isir, isir biex jigu stabbiliti l-fatti. Din il-kawza hi bejn diversi kredituri u dwar min jippregradwa qabel l-ohrajn in forza ta’ privilegg jew xi raguni ohra dettata mil-ligi. Dan johrog mil-ligi u m’ghandu x’jaqsam xejn mas-sitwazzjoni ta’ Gauci personalment fit-tmexxija tan-negozju tal-Price Club. Hu veru li instab responsabbli personalment ghad-djun tas-socjeta`, pero`, il-materja ta’ din il-kawza tolqot il-qsim ta’ rikavat mill-kredituri, u mhux kif u ghaliex Gauci gie dikjarat debitur. Anke jekk dan Gauci jikkontesta xi titolu pretiz minn xi kreditur, xorta wahda ezami ta’ din il-kontestazzjoni ma timpingix fuq dak deciz fiz-zewg kawzi msemmija. L-Imhallef Mallia, fiz-zewg

sentenzi msemmija, ma qal xejn li b'xi mod jirrelata mal-meritu ta' din il-kawza.

Del resto, iz-zewg sentenzi li ta l-Onor. Imhallef Tonio Mallia ghandhom effett limitat, ghax darba li s-sentenzi gew appellati u nghataw zewg sentenzi minn din il-Qorti, huma dawn l-ahhar zewg sentenzi ta' din il-Qorti li, se mai, huma ta' rilevanza u jorbtu lill-partijiet li kienu fil-kawza. Ebda membru komponenti din il-Qorti f'din il-kawza ma kien membru tal-istess Qorti meta gew decizi z-zewg sentenzi aktar qabel imsemmija.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tichad it-talba ta' Christopher Gauci ghar-rikuza tal-Onor. Imhallef Tonio Mallia.

L-ispejjez ta' dan l-incident jithallsu minn Christopher Gauci.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr